



# Ħal Qormi fi żmien il-Pesta tal-1676

Joseph A. Bugeja

Is-sena 1676 kienet waħda mill-agħar snin għall-pajjiżna. F'temp ta' ftit xhur mietu wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni Maltija. F'dan il-perjodu hekk iswed, il-poplu mhux biss kien imwerwer minn tbatija u mewt għall-għarrieda, iżda wkoll sofra l-ġuħ u l-isfruttament ta' min f'dan il-għelm ra okkażjoni ta' profitt.

Il-pesta f'Malta tfaċċat lejlet il-Milied tas-sena 1675, fid-dar tan-negozjant tax-xoqqa tal-għażel, Matteo Bonnici. Minkejja l-projbizzjonijiet, Bonnici kien xtara bil-moħbi xi materjal infettat li kien fuq bastiment. Għal dan il-ġest xħiħ patta bil-kiefer hekk li fi ftit jiem, il-familja tiegħu, inkluż l-ilsiera, kienu maħkuma u sterminati minn din il-marda qerrieda.

Matteo Bonnici kien jinnegozja ħafna fl-irħula u dan wassal sabiex il-marda bdiet tinfirex bħan-nar mal-gżira kollha. Fi Frar ta' dik is sena Malta nqasmet f'numru ta' distretti, kull distrett taħt ir-responsabbiltà ta' kaptan li kellu jmur jgħix fid-distrett allokat lilu. Ħal Qormi, għall-ewwel xahrejn kien jifforma parti mid-distrett tal-Imdina, taħt il-Ħakem tal-Imdina, Giacinto Macedonia. Hekk kif l-epidemija ħraxet sew, Ħal Qormi ngħaqad mad-distrett ta' Birkirkara taħt il-Kaptan Don Francesco de Platta. L-ewwel każ ta' pesta f'Ħal Qormi kien irreġistrat nhar is-16 ta' Marzu 1676 meta mietu omm u ż-żewġ uliedha. It-tieni każ kien irreġistrat fit-30 ta' Marzu meta l-minġel tal-mewt ħasad lill-familja Galdes.

Hekk kif bdew jiżdiedu l-każi tal-pesta, fis-6 ta' Mejju kienet rekwiżizzjonata dar li kienet ikkonvertita fi sptar ta' iżolament għall-pazjenti foqra. Quddiem dan l-isptar tqiegħdu għadd ta' għassiesa sabiex jinforzaw il-kwarantina, waqt li għadd ta' għassiesa oħra rekbin fuq il-bhejjem kienu jduru mar-raħal sabiex jiżguraw li qed jiġu osservati l-ordnijiet. Sabiex ikun limitat l-abbuż, ħafna drabi l-għassiesa kienu jkunu minn barra r-raħal[1]. Meta dawn l-isptarijiet ma setgħux ilaħħqu mal pazjenti, il-morda bdew isakkruhom f'darhom. Hekk ġralu Agostino Ciappara. Bosta kienu t-tobba li b'mod erojku daru kif setgħu mal-morda. Fost dawn it-tobba wieħed ma jistax ma jsemmix lit-Tabib Pietru Pawl Magri. Il-ħidma tat-tabib Magri f'Ħal Qormi kienet innotata mill-Università tal-Imdina, li f'April inkarigatu biex jieħu taħt idejh id-distrett tal-Imdina. Iżda ż-żelu u l-ħidma tiegħu fost l-impestati wassluh biex jitniġġes minn dil-marda. Huwa miet nhar id-29 ta' Mejju.

Tul dawn ix-xhur, il-funzjonijiet fil-knejjes kienu pprojbiti u l-amministrazzjoni tas-sagramenti bdiet issir minn chiese infette minn fejn saċerdot kien iqarben lill-persuni infettati. Il-kappella ta' Sant'Andrija[2] kienet waħda minn dawn il-kappelli. Id-dfin fil-knejjes kien ukoll ipprojbit, u għalhekk il-vittmi tal pesta kienu bdew jindifnu f'ċimiterju wara l-knisja parrokkjali[3]. In-numru kbir ta' mwiet wassal sabiex dan iċ-ċimiterju jimtela malajr u għalhekk bdiet tkun użata għalqa magħrufa bħala Tal-Wied sabiex fiha jsir id-dfin.

Kif wieħed jista' jobsor, il pesta nisslet biża' kbira fost il-poplu. Il-Qriema bi ħġarhom irrikorrew lejn il-qaddisin protetturi kontra l-pesta. Nhar l-14 ta' April saret purċissjoni penitenzjali waqt li l-aħwa Dun Giovann u Giorgio Cauchi għamlu rikors il-Kurja sabiex iwaqqgħu ħames knejjes żgħar, biex flokhom jibnu knisja ddedikata lil Santu Rokku. Din il-wegħda twettqet iżda flok lil Santu Rokku, il-kappella l-ġdida kienet dedikata lit-twelid tal-Madonna (il-Vitorja). F'din il knisja ġie ddedikat artal għal Santu Rokku u bosta kienu l-Qriema li onoraw il-wegħdi tagħhom lejn dan il-qaddis[4].



*Artal iddedikat lil Santu Rokku ġewwa l-kappella ddedikata lit-twelid tal-Madonna (il-Vitorja)*

Barra l-mewt il-pesta ġabet ukoll magħha ġuħ kbir hekk kif il-portijiet Ewropej ingħalqu għall-bastimenti minn Malta. Il-prezzijiet tal-affarijiet tal-ikel għolew qatigħ u bosta kienu dawk li ssellfu sabiex jixtru x'jieklu. Il-Qormi Agostino Ciappara kien kostrett jissellef mingħand ħatnu biex ikollu x'jiekol.

F'Ġunju, il-marda bdiet tbatti u sa Awwissu kienet kważi għebet għal kollox. F'dawn il-ftit xhur Ħal Qormi tilef 12% tal-popolazzjoni. Kif jiġri dejjem, wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u Ħal Qormi ma damx ma rkupra minn dan il-perjodu iswed. Fl-aħħar tliet xhur tas-sena kienu ċċelebrati xejn anqas minn 31 żwieġ (aktar mid-doppju tal-medja tas-snin preċedenti) waqt li kif wieħed jistenna, fis-sena ta' wara kienet irreġistrata żieda qawwija fir-rata tat-twelid u fi żmien sentejn il-popolazzjoni Qormija kienet irkuprat il-livell tas-sena 1674.

Noti

1. Fost l-għassiesa nsibu lll Gio Maria Agius mill-Qrendi.
2. Din il-kappella kienet tinsab fejn illum hemm il-kappella ta' San Franġisk ta' Paola.
3. F'parti miż-żona fejn kien hemm dan iċ-ċimiterju nbniet l-estensjoni tas-sagristija magħrufa bħala l-maħżen Taċ-Ċintura. Il-parti l-oħra tifforma parti mill-ġnejna biswit il-knisja, imsejħa Ir-Rixtellu.
4. Arkivju Arċiveskovili, Suppliche 1668-1684, f. 569v

*Referenzi oħra*

*Micallef J., The plague of 1676 - 11,300 deaths*


